

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2016/484 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tat-23 ta' Marzu 2016

li taħtar imħallfin fil-Qorti Ġenerali

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 48 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif emendat mir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾, jipprevedi li l-Qorti Ġenerali għandha tikkonsisti minn erbgħin imħallf mill-25 ta' Diċembru 2015. L-Artikolu 2(a) ta' dak ir-Regolament jiddetermina t-tul tal-mandat ta' tnax-il imħallf addizzjonali sabiex tmiem dan il-mandat ikun jikkorrispondi mat-tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali li ser isiru fl-1 ta' Settembru 2016 u l-1 ta' Settembru 2019.
- (2) Il-kandidaturi tas-Sur Leopoldo CALVO-SOTELO IBÁÑEZ-MARTÍN, is-Sur Zoltán CSEHI, is-Sur Constantinos ILIOPOULOS, is-Sinjura Anna MARCOULLI, is-Sinjura Nina PÓLTORAK, is-Sur Dean SPIELMANN u tas-Sur Virgilijus VALANČIUS ġew proposti għall-karigi ta' mħallfin addizzjonali fil-Qorti Ġenerali.
- (3) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tas-Sur Leopoldo CALVO-SOTELO IBÁÑEZ-MARTÍN, is-Sur Zoltán CSEHI, is-Sur Constantinos ILIOPOULOS, is-Sinjura Anna MARCOULLI, is-Sinjura Nina PÓLTORAK, is-Sur Dean SPIELMANN u tas-Sur Virgilijus VALANČIUS għall-qadi tal-funzjonijiet ta' mħallfin fil-Qorti Ġenerali,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għandhom jinħatru mħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Awwissu 2016:

- Is-Sur Zoltán CSEHI,
- Is-Sur Constantinos ILIOPOULOS,
- Is-Sinjura Anna MARCOULLI,
- Is-Sinjura Nina PÓLTORAK,
- Is-Sur Dean SPIELMANN.

⁽¹⁾ Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 341, 24.12.2015, p. 14).

Artikolu 2

Għandhom jinħatru mħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Awwissu 2019:

- Is-Sur Leopoldo CALVO-SOTELO IBÁÑEZ-MARTÍN,
- Is-Sur Virgilijus VALANČIUS.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2016.

Il-President
P. DE GOOIJER
